BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 01**

IL-ĦAMIS 2 TA' LULJU, 2009

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u l-Kunsilliera Raymond Balzan, John Vella, James Cauchi, Pablo Cachia Belli u Rodrick Mamo.

**IĊ-CHAIRMAN TA' L-EWWEL SEDUTA**

**Il-Kunsillier Raymond Balzan,** bħala l-aktar membru anzjan fost il-membri tal-Kunsill preżenti, ppresiedja s-Seduta skont l-Artiklu 31 (3) ta' l-Att.

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

**01/01 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' SINDKU**

**Iċ-Chairman Raymond Balzan** qara r-riferenza għall-artiklu 25 (1) ta' l-Att li skont dan l-artiklu is-sur Joseph Scerri għandu jkun is-Sindku. Għalhekk talab lis-sur Scerri jikkonferma l-aċċettazzjoni ta' din il-kariga.

**Il-Kunsillier Joseph Scerri** qara u ffirma d-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku u kien dikjarat Sindku ta' Bormla.

**Is-Sindku Joseph Scerri** ħa postu bħala s-Sindku tas-Sitt Kunsill Lokali Bormla, u rringrazzja lill-membri kollha preżenti.

**01/02 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' VIĊI SINDKU**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qara r-riferenza għall-artiklu 25 (2) ta' l-Att li skont dan l-artiklu s-Sra Alison Zerafa għandha tkun il-Viċi Sindku. Għalhekk talabha tikkonferma l-aċċettazzjoni ta' din il-kariga.

**Il-Kunsillier Alison Zerafa** qrat u ffirmat id-dikjarazzjoni ta'

Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi Sindku u kienet iddikjarata Viċi Sindku ta' Bormla.

**Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** rringrazzjat lill-membri kollha preżenti.

**01/03 DISKORS TAS-SINDKU**

**Is-Sindku Joseph Scerri** filwaqt li rringrazzja lil dawk preżenti beda biex jindirizza l-ewwel diskors tiegħu:-

"Ninsab fiducjuz illi kull Kunsillier elett huwa lest li jagħti sehmu mill-aħjar li jista' sabiex titwettaq ħidma siewja favur il-lokalita' tagħna. B'din il-mentalita', nixtieq illi jingħata bidu għas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Bormla. Leġislatura li hija frott l-għażla demokratika ta' l-elettorat Bormliż fl-elezzjoni li nżammet nhar is-Sibt 6 ta' Ġunju 2009. Elezzjoni li rat ċaqliq mhux hazin fil-Kunsilliera.

Nibda biex nagħti merħba lis-Sinjorina Alison Zerfa, is-Sur John Vella, is-Sur Pablo Cachia Belli u s-Sur Roderick Mamo, membri ġodda f'dan il-Kunsill u nawguralhom ħidma sfiqa favur ir-residenti u l-Lokalita' ta' Bormla. Ma' rridx ninsa nirringrazzja pero', lis-Sinjorina Darleen Zerafa, is-Sur Carmel Fava, Is-Sinjura Antonia Attard Gialanze u lis-Sur Dorian Bugeja, Kunsilliera matul il-ħames leġislatura li matul it-tliet snin li għaddew ħadmu sabiex itejbu beltna.

Sabiex inkunu nistgħu naħdmu aħjar nemmen illi għandna niffokaw il-ħidma tagħna fuq oqsma illi jistgħu ikunu ta' benefiċċju għall-Komunita' Bormliża. Għal dan il-għan nemmen illi għandna nfasslu programm rejalistiku għas-snin li ġejjin u nagħmlu l-almu tagħna sabiex nimplimentaw dak li nkunu ppjanajna. Fost l-oħrajn, jiena tal-fehma illi għandna niffokaw il-ħidma tagħna f'dawn is-setturi:

<u>**PROĠETTI**</u>

Fis-snin li ġejjin nemmen illi għandna nkomplu fuq dak li ħalla l-Kunsill preċedenti. Fl-istess waqt pero' għandna naħdmu sfiq sabiex nippjanaw u nwettqu proġetti ġodda għall-ġid tal-komunita' Bormliża.

L-akbar prijorita' f'dan il-qasam mingħajr dubju għandu jkun ir-resurfacing ta' toroq u manutenzjoni estensiva ta' numru ta' bankini li jinstabu fi stat ħażin. Għandna nfittxu l-għajnuna ta' terzi sabiex fejn, minħabba l-limitazzjonijiet ta' fondi allokati lill-Kunsill ma jkunx possibbli illi jsir dan ix-xogħol, insibu għajnuna esterna sabiex dan ta' l-aħħar jitwettaq.

Għandna nieħdu ħsieb illi proġetti bħal dak illi hemm ippjanat li jsir ġewwa Sur San Ġwann jigu fis-sehh. Bħala Kunsill għandna ukoll naraw illi jsir it-tisbiħ ippjanat fi Pjazza Tony Coleiro, u x-xogħol ta' *landscaping* fi Triq San Ġwann. Għandna ukoll nieħdu ħsieb illi fi Pjazza Santa Margerita jinbnew faċilitajiet sanitarji pubbliċi hekk kif

imwiegħed lill-Kunsill Lokali mill-awtoritajiet konċernati.

## AMBJENT

L-aktar qasam li għandha ssir enfażi fuqu nemmen illi għandu jkun dak ta' l-ambjent u l-indafa. Minkejja li l-Kunsill qiegħed jonfoq eluf kbar ta' ewro f'dan il-qasam, naħseb illi għadu ma ntlaħaqx il-livell mixtieq mir-residenti. Naħseb għaldaqstant illi għandna nanalizzaw is-sitwazzjoni preżenti u nieħdu l-passi necessarji sabiex dan is-settur jimmeljora. Għandna nevalwaw il-possibilita' li jerga' jinbeda l-ġbir ta' skart domestiku anke fil-ġurnata tal-Ħadd, kif ukoll nenfasizzaw l-importanza ta' l-iskart separat, illi sal-lum il-ġurnata għadu ma laħaqx il-livelli mixtieqa. Għandna nirsistu wkoll sabiex fejn jidħlu soft areas ikun hemm manutenzjoni regolari, u fejn jista' jkun tisbiħ permezz ta' xitel jew fjuri.

## EDUKAZZJONI

Jiena nemmen illi uliedna huma l-qafas tal-futur tagħna lkoll. Għaldaqstant naħseb illi għandna nagħmlu dak kollu possibbli sabiex dawn jingħataw l-aħjar edukazzjoni possibbli. Għandna naħdmu id f'id mal-Kapijiet tal-iskejjel f'beltna u mal-Kunsill Skolastiku sabiex flimkien noħolqu inizjativi edukattivi li jagħtu l-għajnuna meħtieġa għall-formazzjoni ta' wliedna.

Għandna nkomplu fuq il-passi tal-Kunsill preċedenti u noffru korsijiet ta' tagħlim lill-istudenti b'xejn. Dan il-Kunsill għandu wkoll jinvesti sabiex jara illi librerija pubblika li ser tinfetaħ fi triq l-Oratorju tinżamm aġġornata b'xiri ta' kotba ġodda regolari. Irridu naħdmu sabiex titnaqqas ir-rata ta' illitterizmu f'Bormla u jonqos l-assentejiżmu mill-iskejjel. Għandna wkoll noffru korsijiet lill-ġenituri sabiex dawn jagħrfu jtellgħu lil uliedhom. Nemmen ukoll illi ma għandniex noffru biss edukazzjoni skolastika, iżda għandna wkoll nagħtu lill uliedna l-opportunita' li jkunu jafu aktar dwar il-Kultura tagħna. Għandna naħdmu ukoll sabiex il-komunita' Bormliża jkollha edukazzjoni sportiva adegwata.

Dan il-Kunsill għandu wkoll jaħdem sabiex nippromwovu l-importanza ta' l-informatika. Fil-fatt għandna nkomplu fuq il-passi tal-Kunsill preċedenti li kien qiegħed janalizza l-possibilita' li jibda jigi offrut is-servizz ta' wi-fi minn postijiet strateġiċi bħalma huma l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali, librerija pubblika fi Triq l-Oratorju u postijiet oħra. Dan sabiex nkopru żoni vasti ta' beltna bil-wi-fi għall-benefiċċju tal-komunita'.

## ORDNI PUBBLIKA

F'dan il-qasam għandna naħdmu sabiex ikun hemm aktar kollaborazzjoni bejn il-Korp tal-Pulizija u l-Kunsill Lokali. Dan sabiex

flimkien inkunu nistgħu negħlbu problemi li qiegħdin jagħmlu ħsara kbira f'beltna bħalma huma d-drogi u abbużi oħra.

Għandna nzommu laqgħat ma' l-awtortitajiet sabiex problemi li ilhom pendenti, bħalma huwa s-suq fil-beraħ li jinżamm kull nhar ta' Tlieta jiġu riżolti.

## ŻGĦAŻAGĦ U ANZJANI

Iż-żgħażagħ tagħna huma pedina important ħafna fil-komunita' Għaldaqstant għandna naħdmu sabiex ikun hemm skambji fuq bażi kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali, sabiex iż-żgħażagħ jingħataw l-opportunita' li jaqsmu l-idejat u l-esperjenzi tagħhom ma' żgħażagħ oħra kemm Maltin kif ukoll barranin. B'hekk inkunu qiegħdin nassiguraw illi dawn ikunu kapaċi jiehdu deċizjonijiet kruċjali għall-futur tagħhom.

Nemmen illi għandna ninvestu ukoll fis-settur ta' l-Anzjani. Jiena ta' l-opinjoni illi għandna nkunu grati lejn is-servizz illi dawn taw lill-komunita' matul is-snin u għaldaqstant jixirqilhom l-attenzjoni meħtieġa. Il-bżonnijiet tagħhom għandhom jibqgħu prijorita' għall-kunsill Lokali u għaldaqstant għandna nkomplu naħdmu sabiex is-servizz li kienu jiġu offruti mill-Kunsill preċedenti, bħalma huma transport imraħħas lill-anzjani li jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum eċċ għandhom jinżammu. Dan minbarra illi noħolqu katina ta' attivitajiet bil-għan illi l-anzjani jħossuhom integrati fis-soċjeta' Bormliża bħall-kumplament tar-residenti.

## KULTURA, TURIŻMU U RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Għandna inkomplu naħdmu sabiex insaħħu l-qasam kulturali fil-lokalita' tagħna. Nemmen illi għandu jitfassal kalendarju ta' attivitajiet kulturali illi jagħti stampa tal-Kultura Bormliża. Dan bil-għan illi filwaqt illi nippromvowu l-kultura tagħna ma reġjuni oħra, nqajmu kuxjenza fir-residenti Bormliżi dwar il-passat u t-tradizzjonijiet ta' Beltna. Naturalment ma' dan il-qasam irridu wkoll ninkludu l-aspett turistiku. Fl-opinjoni tiegħi fil-fatt dan is-settur għandu s-setgħa li jkun il-fulkru ta' l-ekonomija tagħna kemm il-darba nagħrfu nisfruttaw ir-rizorsi li għandna. Għandna naħdmu sabiex filwaqt illi nippromvowu l-kultura tagħna mat-turisti nassorbu dak li nistgħu nitgħallmu sabiex ikollna komunita' progressiva. Filwaqt li sejrin nkomplu nagħtu l-attenzjoni meħtieġa lill-wirt storiku, nemmen illi għandna nfittxu l-għanjuna ta' terzi sabiex ingibu l-għajnuna finanzjarja biex jigu restawrati siti storiċi.

Fil-qasam tar-Relazzjonijiet Internazzjonali, nemmen illi għandna nutilizzaw l-esperjenza li akkwistajna matul is-snin sabiex nagħrfu nieħdu inizjativi validi favur beltna. Għandna nsaħħu r-relazzjonijiet ma għaqdiet bħalma huma A.V.E.C. ecc, li l-Kunsill diġa huwa membru fihom, sabiex nkunu nutilizzaw l-esperjenza ta' l-imsieħba f'dawn l-għadiet. Nemmen ukoll illi bħalma għamel fil-passat il-Kunsill għandu jfittex illi jgib lejn beltna fondi mill-Unjoni Ewropeja sabiex inkunu jistgħu

jitwettqu proġetti fiżiċi ġewwa beltna.

### TRAFFIC MANAGEMENT

Għandna wkoll inkomplu nimplimentaw eżerċizzju li nbeda mill-Kunsill preċedenti, fejn kienu qiegħdin jinbidlu tabelli u sinjali tat-traffiku kull tliet xhur. Permezz ta' dan fil-fatt, fi żmien sena irnexxielna nilħqu Bormla kollha. Għandna wkoll inkunu attenti għal bżonnijiet li jistgħu jinqalgħu kawża ta' żvilupp.

### SAĦĦA U SPORTS

Nemmen illi l-attivita' fiżika hija mportanti għall-persuni ta' kull eta'. Għaldaqstant għandna nkomplu naħdmu id f'id ma' l-għaqdiet sportivi li għandna ġewwa Bormla. Dan bil-għan illi l-istess soċjetajiet filwaqt li jegħlbu diffikultajiet u problemi ta' kull tip li jistgħu jiltaqgħu magħhom, jintegraw aktar residenti fl-inizjativi tagħhom. Għandna norganizzaw attivitajiet u kompetizzjonijiet sportivi għar-residenti ta' kull eta' bil-għan illi ngħinu sabiex jitjieb il-livell ta' għixien.

Fil-qasam tas-saħħa nasħeb illi għandna naħdmu sfiq favur il-prevenzjoni tal-mard, ħarsien għal saħħa aħjar għall-ħajja ta' kull individwu. Għandna nibdew kampanja edukativa dwar l-importanza ta' dieta' bilan1jata fil-ħajja tagħna u nesploraw il-possibilita' illi anke jitqassam xi ikel jew frott frisk lit-tfal fl-iskejjel.

### PERSUNI B'DIŻABILITA'

Nemmen illi dawn il-persuni għandom jingħataw prijorita' fl-operat tal-Kunsill Lokali. Għandna nkomplu nagħtu l-appoġġ sħiħ tagħna lil għaqdiet bħalma hija l-Fondazzjoni Bormlizi għall-Persuni b'Diżabilita'. Fl-istess waqt irridu nieħdu l-inizjativa sabiex norganizzaw aktar attivitajiet għal dawn in-nies. Għandna naħdmu ukoll sabiex naraw illi siti strateġiċi jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita'

## FORMAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI GĦAS-SNIN 2009-2013

Jiena naħseb illi huwa essenzjali illi kull Kunsillier Elett jingħata delegi li l-aktar ikun kompetenti dwarhom. Għaldaqstant matul il-jiem li għaddew għarbilt sewwa s-sitwazzjoni u wasalt għal dawn il-konklużjonijiet dwar il-formazzjoni ta' din is-Sitt Leġislatura:

***Joseph Scerri*** – Naħseb illi jkun opportun illi jiena, fil-kwalita' ta' Sindku nkun reponsabbli mill-<u>Ambjent, Infrastruttura u Relazzjonijiet Pubbliċi</u>

***Alison Zerafa*** – Nemmen illi s-Sinjorina Zerafa, fil-kwalita' ta' Viċi-Sindku għandha tkun responsabbli mis-setturi ta' <u>l-Edukazzjoni u n-</u>

Nisa

***Raymond Balzan*** – Is-Sur Balzan għandu jkun responsabbli mill-Immaniġġjar tat-Traffiku

***John Vella*** – Is-Sur Vella għandu jkun il-Kunsillier responsabbli mill-Kultura, Turiżmu, Wirt Storiku u Relazzjonijiet Internazzjonali

***James Cauchi*** – Is-Sur Cauchi għandu jkun responsabbli mill-Persuni b'Diżabilita' u Ħarsien Soċjali

***Pablo Cachia Belli***- Is-Sur Cachia Belli għandu jkun reponsabbli mis-Saħħa u mill-Isports u Għaqdiet

***Roderick Mamo*** – Is-Sur Mamo għandu jkun responsabbli miż-Żgħażagħ u mill-Anzjani

**KUMITATI U SOTTO-KUMITATI**

Sabiex il-Kunsill jiffunzjona tajjeb jinħtieġ li jkun hemm struttura solida. Għaldaqstant nemmen illi l-Kumitati u s-Sotto- Kumitati għandhom rwol essenzjali fl-operat tal-Kunsill Lokali. Qiegħed nipproponi li għal din il-leġislatura dawn ta' l-aħħar ikunu fformati b'dan il-mod:

| | | |
|---|---|---|
| **Kumitat tal-Finanzi** | *Chairman* | Joseph Scerri |
| | *Viċi-Chairman* | Alison Zerafa |
| | *Membru* | John Vella |
| | *Membru* | James Cauchi |

| | | |
|---|---|---|
| **Sotto- Kumitat Proġetti** | *Chairman* | Joseph Scerri |
| | *Viċi-Chairman* | Alison Zerafa |
| | *Membru* | James Cauchi |

**Kumitat Konġunt għall-Infurzar tal-Liġi**

Fil-kwalita ta' Sindku nkun ir-rappreżentant f'isem il-Kunsill Lokali Bormla għall-Kumitat Konġunt għall-Infurzar tal-Ligi, u bħala sostitut f' dan il-Kumitat għandu jkun hemm is-Sur Roderick Mamo

***Southern Harbour District Joint Committee ( Street Lighting Committee )***

Nipproponi illi r-rappreżentant tal-Kunsill Lokali f'dan il-Kumitat ikun is-Sur Raymond Balzan. Bħala sostitut f'dan il-Kumitat għandu jkun hemm is-Sur Pablo Cachia Belli.

**GĦELUQ**

Nagħlaq dan l-ewwel diskors tiegħi bħala Sindku ta' Bormla għal din il-

leġislatura billi nawgura lil kull Kunsillier elett esperjenza mill-isbaħ f'dan il-Kunsill. Konvint li s-sagrifiċċji personali ma humiex ser jonqsu u nixtieq nirringrazzja lill-familji tagħna li tant ħadu pacenzja bina matul ix-xhur u f'ċerti każi s-snin li għaddew, tas-sapport biex inwettqu ħidma volontarja favur il-lokalita' tagħna.

Nemmen li fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa. Għaldaqstant ser nara li naħdmu lkoll flimkien bħala team minkejja l-opinjonijiet diversi li jista' jkollna. Nixtieq illi f'din il-leġilsatura ma jirrenjawx l-interessi personali jew il-kulur politiku  izda l-kollaborazzjoni sabiex flimkien nilħqu l-għan uniku illi lkoll suppost nħaddnu: dak illi naraw Bormla isbaħ u aħjar għall-ġid tar-residenti Bormlizi.

Min-naha tiegħi nwiegħed illi ser ikolli l-bibien dejjem miftuha Għal kull diffikulta' li tisgħtu tiltaqgħu magħha fl-implimentazzjoni tal-ħidma tagħkom.'

**01/04** **MOZZJONI NRU 01/2009(VI) – ĦIN TAS-SEDUTA**

**Is-Sindku** stieden qbil fil-Kunsill sabiex is-seduta tal-Kunsill tibda ssir kull erba' ġimgħat nhar ta' ħamis fis-sitta u nofs ta' fil-għaxija.

" Nipproponi li s-seduta tal-Kunsill tibda tinżamm kull erba' (4) ġimgħat nhar ta' Ħamis fis-6.0pm"

**Il-Kunsillier James Cauchi** ssekonda.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni. Ivvutaw favur is-seba' (7) Kunsilliera preżenti. Ħadd ma vota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

**Il-Kunsill** approva unanimament **il-Mozzjoni nru 01/2009(VI)**.

**01/05** **MOZZJONI NRU 02/2009(VI) – *ALLOWANCE* TAS-SINDKU**

**Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** ressqet il-mozzjoni 02/2009(VI) dwar l-*Allowance* tas-Sindku.

" Nipporoponi li l-Kunsill japprova l-għotja ta' l-allowance lis-Sindku u din tkun ta' tlieta u tletin fil-mija (33%) ta' l-onorarju li jitħallas lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati."

**Il-Kunsillier Raymond Balzan** issekonda.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni. **Il-Kunsill** unanimamanet approva **il-Mozzjoni nru 02/2009(VI)** dwar l-*Allowance* tas-Sindku.

**01/06 DOKUMENTI LILL-KUNSILLIERA**

**Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.)** ta' kopja tal-Kapitolu 363 Att Dwar il-Kunsilli Lokali kif ukoll kopja ta' Kodiċi dwar l-Aħjar Prattiċi għall-Gvern Lokali u Kodiċi ta' Etika. Flimkien ma' dan id-dokumenti, tressaq ukoll għall-attenzjoni tal-Kunsilliera is-Sitt Skeda (Artikolu 43) Ordnijiet Permanenti.
Barra minn hekk ġiet mogħtija wkoll lil kull kunsillier kopja ta' CD li fiha hemm miġbura lista tal-Kuntatti tal-kunsilliera kollha, Kapitolu 363 Att dwar il-Kunsilli Lokali, bil-Malti u bl-Ingliż, bil-liġijiet sussidjarji kollha, il-Policies ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, il-Minuti tas-Seduti kollha tal-ħames leġislatura, kopji tal-pjanti tal-lokalita' bil-Ġonna Pubbliċi u Verges li tagħhom huwa responsabbli l-Kunsill Lokali, kif ukoll kopja tal-Financial Statement 2008-2009, l-Annual Budget 2009-2010, ir-Rapport Amministrattiv 2007-2008 u l-Allokazzjoni Finanzjarja 2009-2010.

**Is-S.E.** ta' informazzjoni dwar is-sistema li normalment juża fit-tqassim tal-korrispondenza li tasal fil-Kunsill. Minbarra li kulħadd jista jiġi l-Kunsill jara l-korrispondenza, s-sistema li normalment tintuża fit-tqassim tal-korrispondenza, hija li meta fl-opinjoni tas-S.E. l-korrispondenza tkun tinteressa lill-membri kollha, tiġi mgħoddija kopja lil kunsilliera kollha.

Madanakollu xi drabi l-korrispondenza tkun tikkonċerna responsabbiltà partikulari u għalhekk tkun mgħoddija lil dak/dawk li jkunu responsabbli minn dak is-settur. Jekk dawn jidhrilhom li hija interessanti għall-Kunsill, ikunu huma stess li jressquha. Kull Kunsillier, kemm-il darba jkun fi ħsiebu jressaq dik il-korrispondenza għall-Kunsill, għandu jagħmel nota fuqha għas-S.E. biex jgħaddi kopja lil kull Kunsillier.

**Is-S.E.** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-Proċedura li biha jimxi l-Kunsill fir-rigward tal-Minuti fejn il-Minuti għandhom ikunu r-records formali tal-proċedimenti tal-laqgħat tal-Kunsill u għandhom jiġu abbozzati mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Minuti għandhom ikunu: Fil-qosor, Preċiżi, u Ċari. (is-Sitt skeda [Artikolu 43] Ordnijiet Permanenti, 14A). L-għan tal-Minuti hu li jirrapurtaw il-proċedimenti u d-deċiżjonijiet li jieħu l-Kunsill u mhux dak li jirrapurtaw dak li jingħad kelma b'kelma.

Il-Kunsilliera jistgħu jilmentaw mill-fatt li l-minuti ma jirriflettux il-kummenti tagħhom. U għalhekk il-Kunsilliera għandhom ikollhom il-faċilita' li wara li jaraw il-minuti, jippreżentaw stqarrija/dikjarazzjoni fejn ifissru l-ħsibijiet tagħhom aktar fid-dettal, fl-ewwel seduta li jkun imiss.

Kull Stqarrija jew Dikjarazzjoni li Membru tal-Kunsill jaqra u jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kunsill, tkun imniżżla fil-Minuti tal-Kunsill bħala dokument miżjud.

**01/07 INFORMAZZJONI**

Sar qbil li t-tliet seduti li jmiss jkunu nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju, nhar il-Ħamis 3 ta' Settembru u nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2009

Fis-seduta li jmiss tal-Ħamis 16 ta' Lulju se jitressqu l-Budget 2009-2010 u l-Business Plan 2009-2012

Is-Seduta ntemmet fis-8.15 ta' fil-għaxija.

Is-Seduta li jmiss kienet iffissata għall-Ħamis, 16 ta' Lulju 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Scerri** | **John Farrugia** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |